**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2014**

**Kawza Nru.**
**Citaz. Nru. 1785/1993 JZM**

**Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited**

***kontra***

**Carmelo Vella u Dr Sigfried Borg Cole LL.D.**

**Il-Qorti :**

Illi fit-12 ta` April 2002, din il-Qorti diversament presjeduta tat sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Illi dik is-sentenza kienet il-mertu ta` procedura ta` ritrattazzjoni istitwita mill-konvenut Carmelo Vella quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "*Carmelo Vella vs Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited*" **(Citaz. Nru. 580/2003/RCP)**

Illi l-procediment ta` ritrattazzjoni kien deciz fil-25 ta` Gunju 2009 fejn il-Qorti ordnat ir-revoka u t-thassir tas-sentenza tat-12 ta` April 2002 li ghaliha jirreferi l-ewwel paragrafu, u ordnat r-ritrattazzjoni tal-kawza.

Illi dakinhar stess li kienet deciza l-kawza ta` ritrattazzjoni fl-istadju *in rescindente*, l-istess Imhallef sedenti f`din il-Qorti ta sentenza ohra fil-kawza bin-Nru **<u>581/2003/RCP</u>** fl-ismijiet *`Carmelo Vella vs Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited, u Dr Siegfried Borg Cole f`ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta` Anchor Investments Co. Ltd.`* U ddikjara fl-atti tal-kawza ta` ritrattazzjoni illi billi l-esitu tal-kawza Nru **<u>581/2003/RCP</u>** kien jolqot il-mertu tal-kawza ritrattata fil-fazi *in rescissorio* kien qed jastjeni mill-kawza u ordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jassenja l-kawza lill-Qorti diversament komposta.

Illi b`ordni tal-Onor. Prim`Imhallef tas-7 ta` Lulju 2009, skond l-Art 11 tal-Kap 12, il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif presjeduta.

Illi bi zball minflok giet assenjata l-kawza fl-ismijiet premessi bin-Nru **1785/1993** sabiex il-Qorti kif presjeduta tghaddi ghar-ritrattazzjoni ta` **<u>dik</u>** gie assenjat il-procediment ta` ritrattazzjoni **<u>Citaz. Nru. 580/2003</u>** meta dak il-procediment gie fit-tmiem tieghu bis-sentenza tal-25 ta` Gunju 2009.

Illi l-effett ta` dan l-izball kien illi l-atti kollha li segwew l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tas-7 ta` Lulju 2009 kienu inseriti kollha fil-procediment tal-kawza *Citaz. Nru. 580/2003* bl-occhio ta` dik il-kawza minflok fil-kawza *Citaz. Nru 1785/1993* u cioe` l-kawza kellha tigi ritrattata.

Illi l-Art 175(3) tal-Kap 12 jaghti lill-Qorti l-fakolta` illi sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta` l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi dan huwa propju kaz fejn ghandha tezercita din il-fakolta` sabiex fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja tiskansa kull riskju ta` nullita`.

In vista tal-premess, il-Qorti qeghda tordna –

1) Illi b`effett mil-lum il-verbali tal-udjenzi tal-kawza ma jibqghux juru l-kawza bl-occhio "*Carmelo Vella vs Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Ltd" (Citaz. Nru. 580/03 JZM)* izda juru l-occhio "*Angelo Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr. Siegrfied Borg Cole LL.D." (Citaz. Nru. 1785/93 JZM).*

2) Illi mal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Angelo Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr. Siegrfied Borg Cole LL.D." (Citaz. Nru. 1785/93 JZM)* ghandhom jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Carmelo Vella vs Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Ltd" (Citaz. Nru. 580/03 JZM).*

3) Illi l-allegazzjoni ghandha ssir billi minn pagna 1 bl-ahmar sa pagna 209 bl-ahmar tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Carmelo Vella vs Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Ltd" (Citaz. Nru. 580/03 JZM)* ghandhom jidhlu bil-qoxra ta` quddiem u ta` wara b`kollox wara l-ahhar paga tas-sentenza tat-12 ta` April 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi *Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited kontra Carmelo Vella u Dr Sigfried Borg Cole LL.D. (Citaz. Nru. 1785/1993 JZM).*

4) Illi ghandha ssir bidla fil-bqija tal-atti li llum huma inseriti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet *Carmelo Vella kontra Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Ltd (Citaz. Nru. 580/03 RCP)* u cioe` mill-pagna 210 bl-ahmar `il quddiem, billi minflok l-isem tal-kawza fl-ismijiet *Carmelo Vella kontra Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Ltd (Citaz. Nru. 580/03 RCP)* jigi jidher l-isem tal-kawza fl-ismijiet *Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited kontra Carmelo Vella u Dr Siegfried Borg Cole LL.D. (Citaz. Nru. 1785/1993).*

5) Illi l-atti kif korretti skond il-paragrafu precedenti ghandhom jidhlu fil-process tal-kawza *Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited kontra Carmelo Vella u Dr Siegfried Borg Cole LL.D. (Citaz. Nru.*

*1785/1993 JZM)* wara l-qoxra ta` wara tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Carmelo Vella kontra Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Ltd (Citaz. Nru. 580/03 RCP)* skond kif inghad fil-paragrafu tlieta (3) ta` dan il-provvediment.

Tordna l-komunika ta` dan id-digriet lill-partijiet jew lid-difensuri taghhom.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**